**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Is-17-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 21 t'April 2014 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għal Offerti maħruġa mill-Kunsill Lokali**
4. **Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements 2013***
5. **Ambaxxatur tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi**
6. **Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2014**
7. **Finanzi**
8. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-17-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 21 t'April 2014 fil-5:30pm ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant |
| Ambaxxatriċi | Kimberly D'Amato |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tas-16-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 8/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 8/2014 – Protokoll tal-Bnadar fil-Festi Nazzjonali.**

2.2 Inqrat Memo 9/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 9/2014 – Applowdjar ta' Dokumenti fuq is-Sit www.lc.gov.mt.**

2.3 Inqrat Memo 10/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 10/2014 – Ħruġ ta' Sejħiet għall-Offerti – Ċirkularijiet.**

2.4 Inqrat Memo 11/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Memo 11/2014 – Migrazzjoni għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Procurement*).**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2014/*National Enterprise Support Awards 2014.***

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Żewġ avviżi maħruġa mill-Uffiċċju Elettorali.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Tlett Avviżi maħruġa mill-Uffiċċju Elettorali u żewġ avviżi**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' April 2014.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Żewġ Avviżi għall-Istampa maħruġa mill-Uffiċċju Elettorali llum.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviżi mill-Kummissjoni Elettorali fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 19,231 tal-4 ta' April 2014.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Reġistru Elettorali ta' April 2014.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż mill-Kummissjoni Elettorali – Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u tal-Kumitati Amministrattivi għall-Komunitajiet, Mejju 2014 – Verifika ta' kif se jidher l-isem tal-Kandidat fuq il-Polza tal-Votazzjoni.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Awguri tal-Għid il-Kbir mingħand id-Direttur, Gvern Lokali u l-Istaff tad-Dipartiment.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Reminder* fuq ir-Rapport tal-Awditur Ġenerali għas-sena 2012.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Elezzjoni tal-Parlament Ewropew Mejju 2014 – Kull Kunsill Lokali hu mitlub jiġbor ir-Reġistru Elettorali tal-EU mill-Uffiċċju Elettorali.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Blue Grotto and the Qrendi Local Council confines.***

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Sibt il-Għid 19-4-14.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Laqgħa rigward l-iskema A+ *Accessibility Award.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***May Activity Posters.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Memo 25/2013: Cultural Activities.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Information Session Circular – Local Councils.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Family Friendly Measures Survey 2013.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Request for information regarding Council Employees CHANGES.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 9804.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Uploads* tar-Rapporti – Il-Qrendi.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **243/2014: Allegat ta' Prekarjat dwar Tender ta' Ġbir ta' Skart, Qrendi.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: 243/2014 – Allegat ta' Prekarjat dwar Tender ta' Ġbir ta' Skart, Qrendi.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 172/2014* – Kuntratt ta' Żamma ta' Parks, Ġonna u *Soft Areas* fil-Qrendi.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lorraine Micallef St. John, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Rapport dwar Ġemellaġġi.**

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Pace, għaċ-Ċermen tal-*Vote 16*, bit-titlu **Ambaxxatur Lokali.**

2.30 Inqrat ittra mibgħuta mill-Onorevoli Justyne Caruana bit-titlu **Seminar Konsultattiv – Politika Nazzjonali għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita'.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 23/2014 – *Working Group* dwar il-Futur tal-Kunsilli Lokali.**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 24/2014 – Stħarriġ tal-Opinjoni Pubblika dwar il-Kunsilli Lokali.**

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL 27/2014 – Qafas għall-Istrateġija għall-Edukazzjoni f'Malta 2014-2024.**

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jimmy Magro, Konsulent tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Roads Re-Instatement.***

2.35 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEK, kif ukoll is-Sur Carmel Abela, Direttur għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Rendikont tax-Xogħol tal-Ħaddiema tal-IPSL, WSC u ETC.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Spiteri, Teżorier tal-ANSEK, bit-titlu **Sħubija fl-ANSEK.**

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Laqgħa Ġenerali Annwali 2014 tar-Reġjun Nofsinhar.**

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Reġjun Nofsinhar – Sessjoni Plenarja**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Annwali 2014.**

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Konferenza Stampa – Inizjattiva Favur il-Qari fil-Kunsilli Lokali.**

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dulcie Gauci, Reġistratur tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***Requested info.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anthony Bonello, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2014.**

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Borg mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol bit-titlu **Inizjattiva Favur il-Qari fil-Lokalita'.**

2.42.1 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li din l-attivita' għandha ssir fil-bitħa tal-Iskola Primarja tal-Qrendi.

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alexander Borg, *Scientific Officer* fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, bit-titlu ***Issues in a Valley in Qrendi.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency,* bit-titlu ***Managing Authority – Change of Address.***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency,* bit-titlu ***Change to Contracts M313 & M323.***

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Karmenu Pace, Surmast tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, bit-titlu **Primarja Qrendi.**

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Natalino Mallia, *Trainee Career Advisor* fil-Kulleġġ San Benedittu, bit-titlu ***St Benedict College – Career Exposure 2014.***

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joanna Farrugia, mill-*Community Work Scheme* tal-ETC, bit-titlu ***CWS New Participants.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer tal-GreenPAK,* bit-titlu ***Amended Annual Report 2013.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer tal-GreenPAK,* bit-titlu ***Details on Door to Door Education in Qrendi.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer tal-GreenPAK,* bit-titlu ***Treasures for Inspire Project – May 2014.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Olivia Bugeja, minn WasteServ Malta, bit-titlu ***GOOD FRIDAY – WasteServ Malta.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anthony David Brincat, *Operations Officer* fl-i*Storm and Valley Management,* bit-titlu ***Update of second class reservoirs and large wells own by government.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Remigio Bartolo, bit-titlu ***Seminars for Local Councils (Overview of the Construction Regulations – Giving a role to the Local Councils).***

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Analise Caruana, minn Grant Thornton, bit-titlu ***Proposed audit adjustments and draft management letter.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anthony Cesare, Assistent Direttur fid-Dipartiment għas-Sigurta' Soċjali, bit-titlu ***New Premises in Żurrieq.***

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Natalie Falzon, minn Epsilon-Adi Consortium, bit-titlu ***N2000 – Consultation on the vision for*** **Rdumijiet ta' Malta: Mix-Xaqqa sal-Ponta ta' Bengħisa** ***and the proposed management objectives and actions to achieve that vision.***

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono, mit-*Traffic Management and Road Safety Department* ta' Transport Malta, bit-titlu ***Our Lady of Sorrows in Żurrieq, Mqabba, Kirkop, Safi and Qrendi.***

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono, mit-*Traffic Management*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*and Road Safety Department* ta' Transport Malta, bit-titlu ***Draft Police Notice of* Ħadd il-Palm *in Żurrieq, Mqabba, Qrendi and Kirkop.***

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono, mit-*Traffic Management and Road Safety Department* ta' Transport Malta, bit-titlu ***Road Closures Żurrieq – Qrendi – Mqabba.***

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Muscat, Membru u Segretarju tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, bit-titlu **Tibdil ta' Isem ta' Triq.**

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joslyn Magro Cuschieri, *Manager Labour Market Statistics Unit,* bit-titlu ***Job Vacancy Survey 2014 Quarter 1 – Ref: 56841.***

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Caroline Micallef, *JES Expo Team* taċ-Ċentru ta' Riżorsa Dun Manwel Attard, Il-Wardija, bit-titlu ***Job Expo.***

2.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Bernice Darmanin bit-titlu ***Reach Out – ONE TIME ZONE INITIATIVE.***

2.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Justin Debattista bit-titlu **Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali.**

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Zerafa, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija, Qrendi, bit-titlu **Kirja għat-Tinda.**

2.67 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Mario Zerafa, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija, Qrendi, dwar bandiera tal-lokalita'.

2.67.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li hija idea tajba jekk kemm-il darba tingħata bandiera tal-Qrendi lis-Soċjetajiet Mużikali ta' raħalna.

2.67.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li l-Kunsill Lokali għandu jagħti żewġt ibnadar fis-sena lill-għaqdiet l-oħra tal-Qrendi sakemm kull għaqda jkollha bandiera.

2.67.3 Is-Sindku David Schembri ppropona li għall-ewwel sena għandhom

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jingħataw żewġt ibnadar lis-Soċjetajiet Mużikali, imbagħad kull sena jingħataw bnadar lil żewġ għaqdiet differenti.

2.67.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

2.67.5 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li kienet tkun isbaħ kieku l-Kunsill Lokali kellu jagħti dawn il-bnadar f'ċerimonja waħda imma wieħed irid jifhem ukoll il-punt ta' finanzjament ta' dawn il-bnadar.

2.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Agius bit-titlu **Festa tal-Patata.**

2.68.1 Il-Viċi-Sindku qal li hija xi ħaġa sabiħa li aktar nies qegħdin jinteressaw rwieħhom fil-Festival Agrarju tal-Patata imma min-naħa l-oħra rridu nieħdu ħsieb l-interess tal-prodott lokali.

2.69 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Lee De Marco, bit-titlu **Wied iż-Żurrieq *Parking.***

## 3. AĠĠUDIKAZZJONI TA' SEJĦIET GĦAL OFFERTI MAĦRUĠA MILL-KUNSILL LOKALI

3.1
- Dwar sejħa għall-offerti – **QLC CMPG 49/14 - Offerti għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna, Parki u *Soft Areas.***

3.2 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna risposta min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba li kien hemm bżonn ta' kjarifika jaqbel jingħata dan il-kuntratt.

3.3 Spjega kif minħabba l-klawżola mniżżla mill-Kunsill Lokali li anke l-aktar offerta vantaġġjuża tista' tiġi miċħuda, l-Kunsill Lokali għandu kull dritt jagħżel lill-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd.* avolja ma tefgħux l-irħas offerta.

3.4 Żied li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi ilu għal diversi snin juża' s-servizzi ta' din il-

kumpanija u sal-lum dejjem kellna servizz mill-aqwa u dejjem ħriġna sodisfatti.

3.5 Qal li meta wieħed iħares lejn l-esperjenza ta' xogħol li għandhom *WM Environmental Ltd.* f'dan il-qasam, wieħed jinnota li dawn għandhom biss kuntratt tas-*soft areas* mal-Kunsill Lokali tal-Floriana. Jidher li din il-kumpanija aktar tispeċjalizza fit-tindif ta' toroq u ġbir ta' skart.

3.6 Is-Sindku ippropona li l-Kunsill Lokali għandu jagħżel l-offerta ta' *Environmental Landscapes Consortium Ltd.* b'mod speċjali minħabba li huma l-esperti f'dan il-qasam u dejjem ħdimna tajjeb ma' din il-kumpanija.

3.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

## 4. APPROVAZZJONI TAL-*AUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2013*

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega l-kontenut tal-*Audited Financial Statements 2013* lill-membri tal-Kunsill Lokali.

4.2 Is-Sindku David Schembri ppropona li dawn l-*AFS 2013* għandhom jiġu approvati.

4.2.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta.

## 5. AMBAXXATUR TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-Sur Justin Debattista aċċetta l-kariga ta' Ambaxxatur tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, sabiex iservi f'din il-kariga sakemm jagħlaq it-18-il sena.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.2 Is-Sindku spjega li s-Sur Debattista se jkun qiegħed jimla l-vojt li tħalla mis-Sa. Kimberly D'Amato wara li din għalqet it-18-il sena u għaldaqstant ma setgħatx tibqa' sservi fil-kariga.

5.3 Il-Kunsill Lokali awgura lis-Sur Debattista għall-ħidma tiegħu fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

## 6. AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2014

6.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li pjuttost kollox huwa lest għall-Festival ta' din is-sena.

6.2 Qal li għada se tkun qiegħda ssir l-aħħar laqgħa tas-sotto-kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata 2014.

6.3 Semma' d-divertiment li se jkun provdut matul dan il-Festival u qal li għadna qegħdin nippruvaw nagħmlu tentattiv sabiex inġibu lill-kantanta Federica Falzon.

6.4 Il-Viċi-Sindku tkellem ukoll dwar l-istands tal-ikel u qal li b'kollox din is-sena se jkun hemm 12-il platt differenti li dawn kollha se jiġu preparati mis-Soċjetajiet Mużikali ta' raħalna.

6.4.1 Qal li Euro Caterers għal sena oħra se jkunu qegħdin jagħmlu l-ġelat tal-patata filwaqt lis-Sa. Marie Chetcuti se tkun qiegħda tieħu sehem bi stand tal-ħelu.

6.5 Spjega kif matul il-Festival se jkun hemm *Kids Area* kif ukoll se jkun hemm il-parteċipazzjoni tax-*Sharp Sight Falconry* u jista' jkun ukoll li jkun hemm xi artiġjana li jieħdu sehem f'dan il-Festival.

6.6 Qal li ma rnexxielna nġibu l-ebda gazebo mingħand id-Dipartiment tal-Agrikoltura u wisq anqas mingħand l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.6.1 Spjega kif din is-sena nqbadna bil-ħin minħabba li kellna nibdlu d-data diversi drabi u spiċċajna naħbtu mal-Imdina, Pembroke u anke Ħal Balzan u għaldaqstant il-gazebos kienu diġa' mikrija għal postijiet oħra.

6.6.2 Żied li qegħdin insibu koperazzjoni sħiħa mingħand il-Kunsill Lokali tal-Imqabba li se jsellfuna 4 gazebos minn tagħhom li se nżiduhom mal-gazebos li diga' għandu l-Kunsill Lokali.

6.7 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar ir-reklamar għal dan il-Fesitval.

6.7.1 Qal li se jkunu qegħdin jitqassmu *A5 flyers* fid-djar b'għajnuna min-naħa tal-Maltapost.

6.7.2 Spjega li dawn il-*flyers* se jkunu qegħdin jitqassmu: Il-Qrendi, L-Imqabba, Iż-Żurrieq, Ħal Kirkop, Ħal Safi u s-Siġġiewi.

6.7.3 Tkellem ukoll dwar il-posters kbar li se jkunu qegħdin jitwaħħlu kif ġej: 1 fi Triq it-Tempesta, Il-Qrendi, 1 fi Triq l-Industrija, l-Imqabba u l-ieħor se jkun qiegħed jiġi mwaħħal Il-Marsa.

6.7.4 Qal li fuq *Facebook* diġa' bdiet kampanja intensiva ta' reklamar fejn qegħdin intellgħu dak li se jkun qiegħed jiġri permezz ta' 3 paġni differenti.

6.7.5 Spjega kif għall-ewwel darba se jkollna l-mascot *Chippo*, xogħol is-Sur Raymond Farrugia.

6.7.6 Qal li matul l-aħħar ġimgħa tal-Festival għandna skeda sħiħa ta' stediniet fuq diversi stazzjonijiet televiżivi u tar-radju u dan għandu jkompli jżid mar-reklamar għal dan il-Festival.

6.7.7 Spjega kif għall-ewwel darba din is-sena qegħdin nippruvaw ukoll nagħmlu aktar reklamar permezz tal-internet u diġa' ftehmna mas-sit www.newsbook.com.mt fejn se jkun qiegħed jitla' l-banner ta' dan il-Festival meta wieħed jidħol sabiex jaqra storja minn fuq dan is-sit.

6.7.8 Żied li għall-ewwel darba rnexxielna nilħqu ftehim mal-kumpanija GO fejn dawn se jkunu qegħdin jibagħtu madwar 13,000 SMS lejliet il-Festival u

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jidher ukoll li se nkunu qegħdin inġibu sponsor mingħandhom.

6.8 Il-Viċi-Sindku tkellem ukoll dwar il-flokkijiet li se jintlibsu matul dan il-Festival u qal li dawn se jkunu sponsorjati mill-kumpanija Bronk Productions.

6.9 Semma' wkoll kif se jkun imqassam il-programm inġenerali ta' dan il-Festival u qal li kollox se jibda fid-9am u jibqa' sejjer sat-8pm.

6.10 Is-Sindku David Schembri qal li personalment iħossu diżappuntat li mill-membri kollha tal-Kunsill Lokali huma biss il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li flimkien miegħu qegħdin jattendu għal-laqgħat tas-sotto-kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata.

6.11 Qal li ż-żewġ Soċjetajiet Mużikali ta' raħalna kkoperaw ħafna għal dan il-Festival u jittama li din l-istess koperazzjoni tingħata mill-membri kollha tal-Kunsill Lokali.

## 7. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

7.1 Is-Sindku David Schembri beda billi qal li kien hemm min avviċinah dwar xi monumenti/mafkar li se jsiru fil-Qrendi mill-Kunsill Lokali.

7.1.1 Qal li sal-lum il-ġurnata l-Kunsill Lokali fl-ebda ħin ma tkellem jew iddeċieda dwar monumenti/mafkar li għandhom isiru sabiex ifakkru mumenti importanti fl-istorja ta' pajjiżna bħalma qiegħed jiġi rrappurtat barra mill-Kunsill.

7.1.2 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri kollha preżenti jekk kienx xi ħadd minnhom li xerred din l-aħbar dwar dawn il-monumenti/mafkar.

7.1.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li hu tkellem fuq ix-xewqa tal-Kumitat Sezzjonali PN Qrendi dwar li jsir monument/mafkar li jfakkar l-50 sena

mindu Malta saret indipendenti.

7.1.4 Is-Sindku wieġeb li fil-laqgħat li saru tal-Kunsill Lokali fl-ebda ħin ma' ssemma' li l-Kunsill se jkun qiegħed jagħmel xi mafkar politiku, kuntrarju għal dak li ġie rrappurtat barra l-laqgħat tal-Kunsill Lokali.

7.2 Is-Sindku tkellem dwar dawk il-persuni li qegħdin jitimgħu l-annimali barra fit-triq.

7.2.1 Qal li qegħdin jaslu diversi lmenti fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali minħabba lis-siti fejn dawn l-annimali jiġu mitmugħa qegħdin mhux biss ikunu maħmuġin imma jġibu ħafna ntwejjen, dubbien, nemus u saħansitra anke ġrieden.

7.2.2 Spjega kif eżempju ċar t'hekk huwa ħdejn iċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller, Triq San Nikola kif ukoll Triq Antonio Chircop li huma l-aktar tlett siti prominenti.

7.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-problema tal-iskart f'raħalna.

7.3.1 Qal li sfortunatament qegħdin insibu ħafna ħmieġ kemm fil-parti urbana kif ukoll fil-parti rurali ta' raħalna.

7.3.2 Spjega kif maġenb il-*bring in site* li hemm fi Triq l-Imqabba qiegħed ikun hemm ħafna skart goff u dan mhuwiex jiġi rappurtat lill-Kunsill Lokali.

7.3.3 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li anke fiż-żona ta' Tal-Ħniena qiegħed ikun hemm ħafna ħmieġ u għandna nkunu aktar viġilanti bħala Kunsill Lokali sabiex ċertu abbużi jieqfu.

7.4 Is-Sindku tkellem dwar il-gazzetti li jinxtraw ta' kuljum mill-Kunsill Lokali.

7.4.1 Qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill Lokali għandu jieqaf jixtri dawn il-gazzetti li qegħdin jammontaw għal madwar €800 fis-sena.

7.4.2 Qal li ħafna mill-aħbarijiet tal-gazzetti ssibhom mill-ewwel fuq l-internet kif ukoll meta jkun hemm xi ħaġa li tikkonċerna l-Kunsill Lokali tagħna mill-ewwel tintbagħat fuq l-*e-mail* tal-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.4.3 Is-Sindku ppropona li għandna nieqfu nixtru l-gazzetti ta' kuljum u l-Kunsillier Olympia Sant Mifsud issekondat din il-proposta.

7.5 Is-Sindku tkellem dwar diversi talbiet li qegħdin jaslu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali dwar mirja quddiem binjiet ġodda speċjalment fejn ikun hemm il-garaxxijiet.

7.5.1 Qal li dawn il-mirja jistgħu jsiru b'mod privat minħabba li dawn se jkunu qegħdin jaqdu biss lir-residenti li jkollhom garaxx ma' blokka bini u mhux lir-residenti inġenerali.

7.5.2 Spjega kif mera fuq arblu tiġi tiswa madwar €80 u għaldaqstant is-sidien tal-garaxxijiet m'għandhomx isibu diffikulta' biex flimkien jixtru u jinstallaw waħda.

7.6 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa organizzata mir-Reġjun tan-Nofsinhar li kienet tiffoka fuq il-ħidma tal-Parlament Ewropew u qal li kienet sessjoni interessanti ħafna.

7.7 Is-Sindku tkellem dwar il-Kumitat tat-Turiżmu u qal li fil-kariga ta' Ċerpersin tkellem mal-Periti dwar Wied iż-Żurrieq u x'jista' jsir f'dan il-post turistiku.

7.7.1 Qal li min-naħa tal-*Cleansing Services Department* hemm bżonn li ssir tindifa sew ta' Wied iż-Żurrieq.

7.7.2 Tkellem ukoll dwar Torri Xutu u qal li fil-ġimgħat li ġejjin Din l-Art Ħelwa mistennija jagħmlu konferenza tal-aħbarijiet sabiex iħabbru l-isponsor li sabu sabiex ikunu jistgħu jirrestawraw dan it-torri.

7.8 Is-Sindku tkellem dwar donazzjoni li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jirċievi mingħand ir-Reġjun tan-Nofsinhar dwar il-libreriji.

7.8.1 Qal li b'kollox se nkunu qegħdin indaħħlu €1,000 li jistgħu jintużaw għax-xiri ta' kotba ġodda, għal manutenzjoni tal-librerija kif ukoll għall-publikazzjoni ta' xi ktieb.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.9 Is-Sindku tkellem dwar żewġ kuntratti li kellhom jiġu ffirmati mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi u l-*Paying Agency*, dwar Miżura 125 u Miżura 413.A5.

7.9.1 Spjega kif il-kuntratt ta' Miżura 413.A5, li jikkonċerna proġetti ta' tisbiħ ġie ffirmat imma mhux l-istess ġara fuq il-kuntratt ta' Miżura 125 li huwa dwar għoti ta' tarmak/konkos fi sqaqien agrikoli.

7.9.2 Qal li dan il-kuntratt ma ġiex iffirmat minħabba li bil-flus li se nkunu qegħdin ningħataw se nkunu nistgħu nagħmlu biss sqaq wieħed u l-ispejjeż li jkun fadal ikollu jbatiehom il-Kunsill Lokali.

7.9.3 Spjega kif minħabba li l-kuntratt jgħid li jridu jsiru 2 sqaqien, Sqaq il-Ħofra u Sqaq tal-Lhudija, ma nistgħux nagħmlu wieħed biss għax inkella xorta waħda ma ningħatawx fondi.

7.9.4 Qal li issa għadna qegħdin nistennew mingħand il-*Paying Agency* u l-GAL Xlokk sabiex naraw kif se nipproċedu dwar dan il-kuntratt.

7.10 Is-Sindku tkellem dwar Jum il-Preżentazzjoni li sar fiċ-Ċentru ta' Riżorsa Dun Manwel Attard, Il-Wardija.

7.10.1 Qal li l-Kunsill Lokali kien mistieden minħabba li qegħdin ngħinu lil dan iċ-Ċentru sabiex l-istudenti jieħdu esperjenza ta' xogħol.

7.10.2 Spjega kif hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ħassewhom onorati ħafna li l-preżentatriċi ta' dan il-Jum kienet is-Sa. Sephora Apap, residenta mill-Qrendi li wkoll ħadet sehem fi *musical* fl-istess attivita' u kienet tajba ħafna.

7.11 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Perit Edric Micallef minn Transport Malta fejn fiha kienu diskussi Triq is-Siġġiewi, Triq il-Puniċi u Triq l-Għarix.

7.11.1 Qal li dawn it-toroq se jkunu qegħdin jingħataw priorita' fil-lista' ta' Transport Malta sabiex jingħataw wiċċ ġdid ta' tarmak u nittamaw li fix-xhur li ġejjin naraw xi żviluppi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.11.2 Żied li anke kien hemm diskussjoni dwar il-ħmieġ eżistenti fi Triq San Niklaw, liema ħmieġ jinsab f'żona privata u għaldaqstant il-Kunsill Lokali m'għandu l-ebda dritt inaddfu imma min-naħa l-oħra mhux biss qiegħed ikerraħ it-triq imma anke l-ambjent.

7.12 Is-Sindku tkellem dwar it-tisbiħ taż-żona ta' Triq Antonio Chircop.

7.12.1 Qal lix-xogħol beda miexi u fil-preżent diġa' saret l-istruttura fejn fiha se jkun installat tank tal-ilma sabiex issir *drip irrigation* meta l-proġett ikun lest.

7.13 Is-Sindku tkellem dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb taħt Miżura 313.

7.13.1 Qal li l-Kunsill Lokali diġa' ħallas is-somma ta' €7,500 fuq ktieb li ma jiswa' xejn, fih diversi żbalji kemm fattwali kif ukoll fl-istampi użati.

7.13.2 Spjega kif il-Kunsill Lokali talab estensjoni ta' żmien sabiex jitlesta' dan il-proġett u qal li min-naħa tal-*Paying Agency* approvaw din l-estensjoni.

7.13.3 Is-Sindku qal li min-naħa tiegħu tkellem mal-Professur George Cassar u jidher li din il-persuna huwa nteressat li jieħu ħsieb din il-pubblikazzjoni.

7.13.4 Żied li se nkunu qegħdin inkellmu lis-Sinjuri Melvin Bugeja, Emanuel Muscat u Anthony Bezzina sabiex huma wkoll jgħinu f'din il-pubblikazzjoni.

7.14 Is-Sindku tkellem dwar il-kameras tas-sigurta' f'raħalna.

7.14.1 Qal li fil-preżent qegħdin nieħdu pariri dwar x'kameras għandna bżonn li jiġu nstallati fil-lokalita' u l-viabilita' tagħhom.

7.14.2 Spjega kif mir-Reġjun tan-Nofsinhar mistennija jaslu €2,000 sabiex jiġu nstallati dawn il-kameras.

7.14.3 Qal li min-naħa tiegħu tkellem ukoll dwar il-possibilta' ta' *speed cameras* fi Triq it-Tempesta u se nkunu qegħdin nagħmlu talba mar-Reġjun tan-Nofsinhar dwar dawn il-kameras.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.15 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-qtugħ ta' ħaxix fi Sqaq il-Lhudija kif ukoll dwar Triq it-Torri kantuniera ma' Triq Dun Nerik Mahoney.

7.15.1 Qal li fiż-żona ta' Triq it-Torri hemm bżonn ta' *traffic management* serju minħabba li qiegħed ikun hemm diversi problemi minħabba l-ammont ta' karozzi pparkjati fi triq li mhijiex wiesgħa.

7.15.2 Qal ukoll li fi Triq Santa Katarina kantuniera ma' Triq it-Torri hemm bżonn li jsiru żewġ mirja minħabba li l-karozzi li jkunu ħerġin minn Triq it-Torri ma jkunux jistgħu jaraw min ikun tiela' jew nieżel minn Triq Santa Katarina.

7.16 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali u qal li hemm il-ħsieb li fis-7 ta' Ġunju ssir ħarġa għal Għawdex.

7.16.1 Saret diskussjoni twila dwar jekk din il-ġurnata għandiex tkun inkluża bl-ikel jew le u l-Kunsill Lokali qabel li ta' min wieħed jipprova din l-idea.

7.16.2 Il-Kunsill Lokali ddeċieda li jekk kemm-il darba il-ħarġa għal Għawdex tkun bl-ikel, il-prezz ikun tal-Kbar €20 filwaqt li persuni bil-Kart'Anzjan iħallsu €15.

7.17 Il-Viċi-Sindku tkellem ukoll dwar ġurnata Sqallija u qal li għandna nippruvaw norganizzaw din il-ġurnata nhar il-Ġimgħa 18 ta' Lulju.

7.17.1 Qal li se nkunu qegħdin niċċekkjaw il-prezzijiet tal-operaturi u naraw ma' min ikun jaqblilna l-aktar.

7.17.2 Spjega kif għal din is-sena se nippruvaw niffukaw fuq l-agri-turiżmu.

7.18 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li hemm sinjali tat-traffiku neqsin fi Triq Ħaġar Qim u Triq il-Panorama.

7.18.1 Qalet li x'ħin tkun miexi fi Triq Ħaġar Qim m'hemm l-ebda sinjal li juriek li sejjer lejn it-Tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, l-istess kif hemm fi Triq il-Panorama.

7.19 Il-Kunsillier Daniela Farrugia staqsiet dwar Triq iż-Żurrieq u d-*double yellow*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*line* li hemm qrib il-Kappella tas-Salvatur.

7.19.1 Spjegat kif is-sid ta' Papel Stationery & Gifts tixtieq li dak id-*double yellow line* li hemm fil-kantuniera jibqa' tiela' aktar 'il fuq.

7.19.2 Is-Sindku wieġeb li rridu naraw ftit kif se nimxu fuq din is-sitwazzjoni minħabba li Triq iż-Żurrieq hija triq problematika ħafna b'mod speċjali fejn jidħol il-parkeġġ.

7.20 Il-Kunsillier Daniela Farrugia tkellmet ukoll dwar parkeġġ li qiegħed isir fi Triq San Nikola kantuniera ma' Triq it-Torri.

7.20.1 Qalet li minħabba dan l-ipparkjar ħażin qegħdin nistennew li jkun hemm xi inċident.

7.20.2 Is-Sindku wieġeb li diġa' kien hemm min qala' ċitazzjoni minħabba li kien ipparkjat ħażin f'din it-triq u għandna nħallu lill-Gwardjani Lokali jagħmlu xogħolhom.

## 8. <u>FINANZI</u>

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €76,729.32c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 04/14 u €73.60c skont il-*Petty Cash* Ref R/03.

8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

8.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 20 ta' Mejju 2014 fil-5pm.

9.1.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-ħin ta' din il-laqgħa

________________________ ________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**